MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Numru. 50/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN RANSLEY**

**VS**

**ANNABELLE CAMILLERI NEE` MONREAL**
**(ID Nru. 311185M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 50/2014

Illum, 16 ta` Gunju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Annabelle Camilleri nee` Monreal, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 311185M.

**Akkuzata talli:**

F’xi hin fil-hmistax (15) ta` Novembru, 2013, gewwa Rohan, Flt 13, St. Georges Park, Triq id-Dragunara, San Giljan:

1. Ikkommettiet serq minn gol-imsemmija residenza ghad-detriment ta` Valentina Camilleri u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok, u bil-valur li jeccedi s-somma ta` elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37);

U aktar akkuzata talli f’xi hin fil-hamsa u ghoxrin (25) ta` Novembru, 2013, gewwa 86, Triq il-Flotta, Gzira:

2. Ikkommettiet serq minn gol-imsemmija residenza ghad-detriment ta` Maria Morse u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok, u bil-valur li jeccedi s-somma ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37).

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda’ alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lil imputata hatja kif akkuzata.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 261 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, temmen li piena karcerarja effettiva m’huwiex il-kaz, u dana minhabba l-possibilita’ ta’ risarciment tad-derubati. Wara li l-Qorti tinnota b’sodisfazzjoni li wahda mid-derubati giet restitwita r-rifurtiva kollha u

dan bil-kooperazzjoni tal-istess imputata, tinnota li d-derubata l-ohra Valentina Camilleri ma gietx. Innutat il-valur moghti lir-rifurtiva fl-ammont ta’ erba` t’elef ewro erba` mija u disghin ewro (€4,490) u ghalhekk waqt li ssib lill-imputata hatja kif akkuzata din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-istess imputata ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) izda tordna li dan il-perjodu jigi sospiz, a tenur tal-Artikolu 28(A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ghal perjodu ta’ tliet (3) snin.

Ukoll, a tenur tal-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti qeghda tordna l-hlas immedjat fi zmien sitt (6) xhur tal-istess erba` t’elef ewro erba` mija u disghin ewro (€4,490) lid-derubata Valentina Camilleri.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------